Kategoriji: Pedagoġiji

# Klassi ta' akkoljenza fid-Danimarka

SCIREARLY



Sett ta' għodod edukattivi

## Prattiċi ta' tagħlim b'suċċess biex it-tfal kollha jirnexxu

SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative

## Rikonoxximent


**L-awturi** ta' dan id-dokument u l-imsieħba ta' dan il-proġett huma:
l-Universita' ta' Deusto, Spanja (Koordinatur tal-proġett)
KMOP – Ċentru għall-familja u l-kura tat-tfal, il-Greċja
Ministeru tal-Edukazzjoni, Xjenza u l-Innovazzjoni, il-Portugal
CESIE, l-Italja
l-Universita' ta' Dublin City, l-Irlanda
Red Barnet , Kollaborattiva ma' MHPSS Collaborative, id-Danimarka
l-Universita' ta' Porto, il-Portugal
l-Universita' ta' Malta, Malta
L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġenituri, il-Belġju
L-Universita' ta' Ħelsinki, il-Finlandja
L-Universita' ta' Newcastle Upon Tyne, ir-Renju Unit



© Copyright 2024

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat taħt il-"Creative Commons Attribution 4.0 International License (CC BY-NC-SA 4.0).



Data tal pubblikazzjoni: 2024



Immaġini użati taħt il-liċenzja ta' Shutterstock.com



Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.


Kategoriji: Pedagoġiji

# Introduzzjoni

Dan is-sett ta' għodod, "Prattiċi ta' Tagħlim b'suċċess biex it-Tfal kollha jirnexxu," huwa riżorsa prattika li turi kif jistgħu jinħolqu ambjenti ta' tagħlim ta' suċċess fil-klassijiet, skejjel, u komunitajiet. Dan jgħin lill-għalliema u l-Kapijiet tal-iskejjel jibnu spazji ta' tagħlim effettiv li jappoġġjaw studenti u jwasslu biex l-istudenti li qed ibatu biex jitgħallmu, itejbu l-ħiliet bażiċi tagħhom, u jiżviluppaw il-ħiliet soċjali u emozzjonali tat-tfal. Dan is-sett ta' għodda huwa bbażat fuq għoxrin każ ta' studju minn disa' pajjiżi Ewropej, li joffri strateġiji prattiċi li ħadmu fi skejjel fil-prattika.

Dawn il-każijiet ta' studju ġejjin minn Skejjel Primarji u Sekondarji madwar l-Ewropa li għenu b'suċċess studenti li ma kellhomx suċċess u ipprevena t-tluq bikri mill-iskola. Ir-riċerka saret fi skejjel differenti madwar il-Portugal, l-Irlanda, il-Finlandja, id-Danimarka, Spanja, il-Greċja, l-Italja, ir-Renju Unit, u Malta. Minn dawn l-iskejjel, ġbarna prattiċi konkreti li jtejbu kemm it-tagħlim akkademiku kif ukoll l-iżvilupp soċjo-emozzjonali.

Is-sett ta' għodda huwa organizzat madwar ħames oqsma ewlenin ta' ambjenti ta' tagħlim li huma ta' suċċess:

- Pedagoġiji
- Interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti
- Kollaborazzjoni bejn il-ħbieb
- Kollaborazzjoni bejn l-iSkola, il-Familja u l-Komunità
- Saħħa fiżika, mentali u benesseri soċjali u Appoġġ

Filwaqt li kull għodda hija klassifikata f'wieħed minn dawn l-oqsma, ħafna mill-għodod jaħdmu f'oqsma differenti. Pereżempju, il-"Gruppi Interattivi" mhux biss jgħinu lill-istudenti jaħdmu flimkien, iżda wkoll biex jingħaqdu mal-komunità, jappoġġja l-benesseri tagħhom, kif ukoll itejjeb ir-riżultati akkademiċi tagħhom.

Huwa importanti li wieħed jifhem li l-iskejjel l-aktar ta' suċċess jużaw ħafna għodda flimkien. Filwaqt li kull għodda tista' tgħin meta użata waħedha, l-aħjar riżultati jinkisbu minn ħidma fil-ħames oqsma fl-aspetti tal-iskola kollha. Nirrakomandawlkom li tħarsu lejn l-affarijiet tajbin attwali tal-iskola tiegħek u l-oqsma fejn hemm bżonn ta' titjib biex jgħinkom tagħżlu l-aktar għodod utli għas-sitwazzjoni tal-iskola tagħkom.

Dan is-sett ta' għodda huwa disponibbli fuq pjattaforma onlajn f'sebà lingwi: Spanjol, Portugiż, Ingliż, Finlandiż, Malti, Grieg u Taljan. L-għodda kollha ġew ippruvati u żviluppati bir-reqqa permezz ta' ko-kreazzjoni dijaloġiku ma' kważi elf parteċipant fil-proġett SCIREARLY, inkluż edukaturi fl-iskejjel, studenti, familji, u membri tal-komunità.

L-għan tagħna huwa li nagħtu lill-edukaturi u lill-komunitajiet l-għodda li għandhom bżonn biex jgħinu lil kull tifel u tifla jirnexxu fl-iskola. Qegħdin naqsmu dawn il-prattiċi ta' suċċess minn ambjenti ta' tagħlim differenti b'mod aċċessibbli, qed naħdmu biex noħolqu skejjel fejn it-tfal kollha jkunu jistgħu jirnexxu, irrispettivament mill-isfond tagħhom.



# Glossarju

It-taqsima tal-glossarju hija essenzjali f'dan is-sett ta' għodod għax tipprovdi definizzjonijiet ċari ta' termini u kunċetti ewlenin li tiżgura li dawk kollha li jużawha, inklużi l-għalliema, il-kapijiet tal-iskejjel, l-esperti tal-edukazzjoni, dawk li jfasslu l-politika, u l-membri tal-komunità, jistgħu jifhmu bis-sħiħ u jimplimentaw b'mod effettiv il-prattiċi ta' tagħlim b'suċċess.

Din it-taqsima tgħin biex tnaqqas kwalunkwe nuqqas ta' ftehim fit-terminoloġija użati u tassigura ftehim konsistenti li tagħmilha aktar faċli li jiġu applikati sew dawn l-istrateġiji bbażati fuq l-evidenza u hekk iwasslu għal titjieb fir-riżultati edukattivi tal-istudenti.

## Tagħlim Dijaloġiku

It-tagħlim Dijaloġiku jenfasizza djalogu u interazzjonijiet ta' kwatlta' bħala l-mezz primarju biex jintlaħaq ftehim, tagħlim u żvilupp. L'għan tat-tagħlim u l-fehem dijaloġiku huwa li jinħoloq ambjent fejn l-istudenti, l-għalliema u l-membri l-oħra kollha tal-komunità jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fi djalogu sinifikanti u rispettuż. Dawn huma xi wħud mill-prinċipji ewlenin:

Ii jiġi jiżgurat li l-vuċijiet ta' kulħadd ikunu stmati bl-istess mod, u li kulħadd ikollu l-opportunità biex jikkontribwixxi għad-djalogu. Dan jinkoraġġixxi perspettivi diversi u jiżgura li l-vuċijiet kollha jinstemgħu.

Ir-rikonoxximent tal-valur tal-isfond kulturali u l-esperjenzi tal-istudenti u l-għalliema kollha. Dan jgħin biex jinħoloq ambjent ta' tagħlim aktar inklussiv.

Jassigura li l-interazzjonijiet dijaloġiċi fost l-istudenti, u bejn l-għalliem u l-istudent, u fi ħdan il-komunità jippromovu trasformazzjoni soċjo-kulturali u l-aħjar kundizzjonijiet għat-tagħlim u l-iżvilupp.

Ii jkun hemm ko-kostruzzjoni ta' tifsira u fehim permezz ta' djalogi bejn studenti u għalliema. Dan il-proċess kollaborattiv jgħin biex japproffondixxi l-komprensjoni u r-ritenzjoni ta' informazzjoni.

Jibni sens ta' komunità u appoġġ reċiproku fost l-istudenti u l-għalliema. Dan il-prinċipju jrawwem kollaborazzjoni u responsabbiltà kollettiva għat-tagħlim.

Jassigura rispett u għarfien ta' differenzi fost l-istudenti u l-għalliema. Id-djalogu għandu jiċċelebra d-diversità u jużaha bħala riżorsa għat-tagħlim, jinkoraġġixxi l-ħsieb kritiku u jisfida lil kulħadd biex jaħseb fil-fond u jagħrbel suppożizzjonijiet.

## Dimensjoni Emozzjonali

Tagħraf l-importanza ta' relazzjonijiet ta' kwalità fit-tagħlim. Prattiċi ta' suċċess joħolqu ambjent ta' appoġġ fejn l-istudenti u l-għalliema jħossuhom siguri, appoġġati u kunfidenti meta jesprimu l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tagħhom.

## Tagħlim Awtentiku

Jiżgura li d-djalogu u t-tagħlim huma rilevanti għall-esperjenzi u l-kuntesti tal-ħajja li jgħixu l-istudenti u l-għalliema. Dan jagħmel it-tagħlim aktar sinifikanti u applikabbli.

## 'Translanguaging'

Meta persuna titkellem b'lingwa waħda filwaqt li persuna oħra twieġeb b'oħra.

## Klassijiet ta' Akkoljenza

Klassijiet fejn tfal b'lingwa materna oħra jkunu fi klassijiet speċjalizzati fejn jintuża t-'translanguaging' biex jgħin lit-tfal jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti - bil-ħsieb li t-tfal jidħlu fis-sistema edukattiva hekk kif jiksbu profiċjenza fil-lingwa tal-pajjiż.



# Klassi ta' akkoljenza fid-Danimarka



## Ħarsa ġenerali

Din l-għodda tenfasizza l-użu tal-qlib minn lingwa għal oħra (translanguaging) fit-tagħlim tad-Daniż lit-tfal li jinkitbu fis-sistema edukattiva Daniża u li ma jkollhomx ebda jew ftit ħiliet lingwistiċi fil-lingwa Daniża. L-użu tat-taqlib minn lingwa għal oħra huwa kemm mentalità kif ukoll approċċ li jużaw it-tfal biex jikkomunikaw ma' oħrajn kif ukoll metodoloġija pedagoġika. Is-suppożizzjoni hija li l-użu tat-taqlib minn lingwa għal oħra itejjeb mhux biss il-lingwi mitkellma bħala t-tieni lingwa, iżda wkoll jiżviluppa l-ħiliet lingwistiċi miktuba u l-ħiliet fis-suġġetti akkademiċi oħra li qed jiġu mgħallma fil-klassi (pereżempju l-matematika).
Il-metodu huwa bbażat fuq tliet pilastri:

1. **Fehma** li tirrifletti l-attitudni tal-għalliema li jirrikonoxxu li t-tfal li jafu numru ta' lingwi għandhom aktar riżorsi u li l-lingwi li jafu huma ta' vantaġġ u mhux problema għat-tagħlim. L-għalliemajridu jieħdu approċċ ħolistiku lejn it-tfal u t-tagħlim u jkunu ppreparati biex jikkollaboraw mal-familji tal-istudenti.

2. **Ppjanifikar** fiċ-ċentru tal-metodu użat. Il-pjanijiet tal-lezzjonijiet jirriflettu metodoloġija li tinvolvi l-użu tal-ilsna materna diversi tal-istudenti, il-qlib minn lingwa għal oħra, u użu ta' metodoloġiji tat-tagħlim diversi bħall-esperimentazzjoni, djalogu u firxa wiesgħa ta' modalitajiet ta' tagħlim oħra.

3. Ħila tal-għalliem li **jxaqleb** lejn iżjed tagħlim li hu flessibbli u iżjed adattat għall-bżonnijiet tal-istudenti. Tajjeb kemm hu tajjeb l-ippjanar tat-tagħlim, l-għalliem għandu jħossu liberu li jikkapitalizza mill-opportunitajiet ta' tagħlim hekk kif jinqalgħu, jirrispondi skont id-dinamika fil-klassi u jżomm l-għanijiet tat-tagħlim waqt li jbiddel il-metodoloġija tat-tagħlim skont kif ikun hemm bżonn.



# Passi ta' implimentazzjoni

Il-qlib minn lingwa għall-oħra jirrifletti li t-tfal għandhom għarfien tajjeb u ħolistiku tal-lingwa tagħhom. Il-lingwa materna tagħhom hija parti mir-riżorsi li għandhom it-tfal biex jitgħallmu. Bl-użu tal-lingwa materna fil-klassi, it-tfal jużaw il-kompetenzi kollha tagħhom meta jitgħallmu d-Daniż – propjament ukoll meta jkunu qed jitgħallmu kwalunkwe lingwa ġdida fejn hija meħtieġa l-profiċjenza – kif wkoll f'suġġetti tal-iskola oħra. It-tfal għandhom tendenza jużaw l-istess strateġiji biex jitgħallmu lingwa ġdida bħalma użaw meta tgħallmu l-lingwa materna tagħhom. Hekk kif fis-snin bikrin, it-tfal jistgħu jużaw diversi strateġiji, per eżempju logħob tal-kompjuter, mużika, letteratura, tagħlim ibbażat fuq l-istampi, eċċ bl-użu tal-lingwa materna mħallta mad-Daniż, u bl-użu tal-Ingliż ukoll kif ikun xieraq. Fil-qalba tiegħu, l-użu tal-qlib minn lingwa għal oħra jużа l-lingwa materna bħala mezz ta' tagħlim ta' lingwa ġdida.

Fl-implimentazzjoni, it-tliet principji kollha tal-kompetenzi tal-qlib minn lingwa għal oħra għandhom jiġu inklużi:

### Fehma:

Attitudni ġenerali bbażata fuq it-tolleranza u l-konservazzjoni tal-lingwi diversi u sfondi kulturali differenti tal-istudenti. It-tfal jingħataw biċċiet ta' xogħol żgħar biex iwettquhom id-dar fejn jiġu inkuraġġiti jinvolvu lill-ġenituri tagħhom. Il-klassijiet ta' akkoljenza jikkollaboraw mal-familji b'rispett tal-iżvilupp soċjali u akkademiku tal-istudenti. Matul l-osservazzjoni fl-iskola, l-għalliema wrew interess attiv fil-pajjiżi tal-oriġini tat-tfal. L-adulti għandhom ikollhom ir-responsabbilta' li juru u jżommu din il-pożizzjoni l-ħin kollu. Hemm bżonn ta' taħriġ u superviżjoni u appoġġ kontinwu lill-għalliema biex japplikkaw din il-pedagoġija b'mod effettiv.

### Ppjanifikar:

Il-lezzjoni hija strutturata bir-reqqa sabiex tkun tista' tiġi esegwita bi struzzjonijiet sempliċi u fejn it-tfal huma mħeġġa jgħinu lil xulxin. Il-kompetenzi lingwistiċi tal-istudenti huma inklużi b'mod attiv: Il-pjan tal-attivita' jibni fuq l-esperjenza u l-kompetenzi tal-għalliema. L-għalliema involuti fl-użu tal-qlib minn lingwa għal oħra bħala pedagoġija huma ġeneralment, fil-każ tal-għalliema li kienu osservati kif ukoll irrappurtata fil-letteratura, ikkunsidrati edukaturi tajbin (bi kwalifiki ta' għalliema) u b'taħriġ fuq l-użu tal-qlib minn lingwa għal oħra fit-tagħlim. Il-mod ta' kif jintuża dan il-metodu jista' jkun pjuttost individwali li rriżulta fi kritika fil-letteratura lejn din il-pedagoġija għax tenfasizza n-natura suġġettiva f'xi każijiet. Dan il-każ tagħna wera li sistema ta' żewġ għalliema, wieħed sod fit-teorija edukattiva u b'esperjenza ta' għalliem, flimkien ma' superviżjoni tal-implimentazzjoni, jistgħu jħaddnu d-differenzi lingwistiċi u jużawhom b'suċċess bħala parti mill-proċess kreattiv.

Kien hemm diversi eżempji fejn ġie osservat xaqlib sostenut lejn l-użu u l-prattika tat-taqlib minn lingwa għal oħra fil-lezzjonijiet. Kien hemm ukoll xaqlib sostenut mit-teorija għall-azzjoni konkreta, per eżempju f'kif l-għalliema jaraw u jikkoreġu x-xogħol tal-istudenti. Kien hemm ukoll diversi bidliet fl-istruttura tal-lezzjoni, minn spjegazzjoni lill-klassi għal aktar xogħol fi gruppi żgħar u attenzjoni individwali lill-istudenti. L-għalliema jistgħu jalternaw bejn jgħinu lill-istudenti individwalment u jinkoraġġixxu lill-istudenti biex jgħinu lil xulxin. L-għalliema jaraw ta' spiss u jaċċertaw ruħhom li l-istudenti kollha fehmu l-biċċa xogħol li kellhom.





# Eżempji u każijiet:

Il-klassi nkluża bħala eżempju ta' suċċess hija parti minn dipartiment tal-klassi ta' akkoljenza, waħda mil-għaxar skejjel fil-lokalita' ta' Gladsaxe fi Greater Copenhagen, id-Danimarka. B'kollox l-iskola għandha 550 student, b'medda ta' etajiet minn grad 0 (akkoljenza) sa grad 9. Dan ifisser li l-istudenti fl-iskola għandhom bejn 6 u 15-il sena.

Il-klassijiet ta' akkoljenza huma ddisinjati u għal studenti li għadhom kif waslu fil-pajjiż u li ma jitkellmux il-lingwa Daniża. Dawn normalment huma klassijiet ta' 12-18-il tifel u tifla fi klassi b'żewġ għalliema speċjalizzati fit-tagħlim tad-Daniż bħala t-tieni lingwa. Wara mhux aktar minn sentejn, l-istudenti jiġu inklużi fis-sistema edukattiva ċentrali. Il-klassijiet ta' akkoljenza jaqgħu taħt il-mandat tal-Awtoritajiet Lokali li għandhom ir-responsabbilta' li jassiguraw li ssir evalwazzjoni tal-kapaċita' lingwistika tal-istudenti qabel ma jidħlu fil-klassi ta' akkoljenza u qabel ma jiġu riferiti biex jidħlu fis-sistema tal-edukazzjoni ċentrali.

Biex jissaħħaħ l-ambjent tat-tagħlim fil-klassijiet ta' akkoljenza fl-iskola mistħarrġa, qed jiġi applikat it- 'translanguaging' li jinvolvi l-qlib minn lingwa għal oħra għal tagħlim aħjar ta' kuljum fl-ippjanar, l-eżekuzzjoni u immaniġġjar tal-lezzjonijiet. Din il-metodoloġija mhijiex ideja ġdida, u l-applikazzjoni tagħha m'hijiex limitata għal dawn il-klassijiet speċifiċi biss. F'din l-iskola partikolari din il-metodoloġija qed jintuża b'mod konsistenti. L-għalliema fil-klassijiet ta' akkoljenza huma meħtieġa li jsegwu korsijiet fl-użu ta' din il-metodoloġija minbarra li jkunu wkoll speċjalizzati fit-tagħlim tad-Daniż bħala t-tieni lingwa minbarra ċ-ċertifikat ta' għalliema li għandhom.



## Benefiċċji

It-'translanguaging', pedagoġija li tintegra l-użu ta' lingwi multipli tal-istudenti fi klassi bħala riżorsi għat-tagħlim, toffri diversi benefiċċji:

- **Żvilupp aħjar tal-lingwa:** Tisħiħ tal-lingwa materna meta l-istudenti jitħallew jużaw il-lingwa materna tagħhom fil-klassi, fejn il-ħiliet tal-lingwa jinżammu kif ukoll jiġu żviluppati aktar.
- **Jiffaċilita l-iżvilupp tat-tieni lingwa:** Bl-użu tal-lingwa materna bħala pont għat-tagħlim ta' lingwa oħra, l-istudenti jistgħu jitgħallmu b'mod aktar effettiv hekk kif jittrasferixxu ħiliet lingwistiċi u ta' ħsieb bejn il-lingwi.
- **Affermazzjoni tal-kultura u l-Identita' tal-istudenti:** Ir-rikonoxximent u l-valur li jingħata lil-lingwi u l-kulturi tal-istudenti jippromwovu ambjent ta' tagħlim aktar inkluživ u rispettuż.
- **Formazzjoni pożittiva tal-Identita' tal-istudenti:** Ir-rikonoxximent u ċ-ċelebrazzjoni tal-lingwa u l-kultura tal-istudenti jgħinu biex jibnu l-kunfidenza tagħhom u jgħinuhom iħossuhom aċċettati.
- **Benefiċċji soċjali u emozzjonali:** Iż-żieda fl-impenn u l-motivazzjoni tal-istudenti biex jużaw ir-repertorju lingwistiku sħiħ tagħhom iżid il-parteċipazzjoni u l-impenn tagħhom fl-attivitajiet ta' tagħlim.
- **Aktar stima fihom infushom:** L-istudenti jħosshom aktar stmati hekk kif l-iskola tirrikonoxxi l-lingwa u l-kultura ta' pajjiżhom. Dan iżid il-kunfidenza tagħhom bħala studenti u tippromwovi attitudni aktar pożittiva lejn l-iskola.



## Suġġerimenti biex jintlaħaq suċċess

L-użu tat-'translanguaging' fil-klassi jeħtieġ li l-għalliema jkollhom sett robust u varjat ta' ħiliet pedagoġiċi. Hemm bżonn li jkun hemm reklutaġġ ta' għalliema bir-reqqa, ġestjoni ċara u bbażata fuq valuri inklussivi kif ukoll riflessjoni kontinwa dwar il-prattika u l-esperjenzi fost l-għalliema.

Hija l-impressjoni tat-tim ta' riċerka li t-'translanguaging' jeħtieġ li l-għalliema jkunu flessibbli u kunfidenti f'xogħolhom, kif ukoll mgħammra b'kompetenzi robusti fit-tagħlim. Hu jaħdem l-aħjar f'ambjenti li jieħdu approċċi ħolistiċi lejn il-bżonnijiet tat-tfal, kif ukoll li jagħmlu enfasi fuq l-iżvilupp soċjali u emozzjonali tagħhom, flimkien ma' riflessjoni kontinwa dwar il-prattika fost l-għalliema.

Tejjeb l-impatt tat-'translanguaging' billi tapplikah f'ambjentl li jenfasizzaw l-iżvilupp soċjali u emozzjonali u l-benesseri tal-istudenti.

## Konklużjoni

It-'translanguaging' wera li huwa effikaċi ħafna biex jikseb riżultati pożittivi fit-tagħlim tal-lingwa kif ukoll tal-benesseri u l-iżvilupp ġenerali tal-istudenti. Huwa jappoġġja l-akkwist tal-lingwi billi jippermetti lill-istudenti li jużaw ir-repertorju lingwistiku tagħhom, u b'hekk jippromwovi li t-tagħlim ta' lingwi ġodda jkun aktar aċċessibbli u effettiv. Lil hinn mill-iżvilupp tal-lingwa, it-'translanguaging' isaħħaħ ukoll il-kunfidenza tat-tfal billi jirrispetta u jaċċetta l-lingwi u l-kulturi ta' pajjiżhom, waqt li wkoll irawwem sens ta' kburija u identita' fihom. Barra minn hekk, l-ambjent inklussiv u affermattiv maħluq permezz tat-'translanguaging' jagħti spinta lill-motivazzjoni u l-impenn tal-istudenti għat-tagħlim fil-klassi. Meta l-istudenti jaraw ir-rispett lejn il-lingwa u l-kultura tagħhom, l-entużjażmu tagħhom għat-tagħlim jiżdied. Dan, min-naħa tiegħu, iwassal għall-ferħ akbar waqt il-proċess tat-tagħlim, u jżid il-propabbilta' li jipparteċipaw b'mod aktar attiv u jkunu aktar responsabbli tal-edukazzjoni tagħhom.

## Riżorsi addizzjonali:

Wlosowisz,Teresa(2020). The Advantages and Limitations of Translanguaging in Teaching Third of Additional Languages at the University Level, Multidisciplinary Journal of School Education 9(1(17)):135-1699(1(17)):135-169

Hamman, L. (2018). Translanguaging and Positioning in Two-Way Dual Language Classrooms: A case for Criticality. Language and Education, 32(1), 21–42.

SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.